Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Skużati | Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ġieħ Ħal Luqa
5. Tenders
6. Ġemellaġ
7. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
8. Aġġornament

**Is-Sindku semma li l-Kunsilliera Lucia Massa kienet infurmatu li hija ma setgħetx tattendi fuq każ personali ta' saħħa. Il-Kunsillier Victor Caruana kien informa li ma setax jattendi billi kellu attività politika li ssejħet b' urġenza.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti kienu approvatti, bħala proponent kien hemm il-Kunsillier Eric Camilleri u ssekondat mill-Viċi Sindku Denise Cutajar.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju ressaq email li kienet waslet minn naha tal-Gvern Lokali li tgħid li se jsiru workshops fl-okkażżjoni tal-Commonwealth Local Government Conference, fejn diversi delegazzjonijiet iżuru diversi Kunsilli Lokali u jaraw l-operat.

3.2 Is-Segretarju ressaq stedina li waslet minn naħa tal-Iskola Sekondarja ta' Ħal Kirkop għall Festa Komunita.

3.3 Is-Segretarju qara stedina għall workshops li huma immirati li għaqdiet volontarji sabiex ikollhom aktar taħriġ li jistgħu jibbenefikaw minn fondi.

3.4 Is-Segretarju qal li rċevejna ċirkulari minn naħa tal-Gvern Lokali dwar Inizjattiva Finanzjarja-Local Government Community Innovation Fund.

3.5 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm minn talab li ssir mera għall benefiċċju ta' dawk li jkunu ħerġin minn Triq Ħal Saflieni għall Triq il-Ġdida. Hija qalet ukoll biex jekk huwa possibbli jsiru sleeping policeman għax ikun hawn is-sewqan hawn ukoll. Is-Sindku qal li s-sleeping policeman joħolqu problema għax jikkawżaw l-istorbju.

3.6 Il-Kunsillier Camilleri qal li hemm bozza fi Triq Pawlu Magri li ma tixgħelx. Is-Sindku qal li din ħa ħsiebha.

3.7 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li hemm residenza partikulari fi Triq G Tragance li hemm irwejjaħ qawwija ġejjin mill-parapett. Saqsiet x' jista jsir. Is-Sindku qal li se jara fuq dan il-każ, però irridu nkunu nafu minn huma s-sidien.

3.8 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li tal-Erasmus konna erġajna applikajna imma għall darba oħra l-applikazzjoni reġgħet ma ntgħażlitx.

**4.0 ĠIEĦ ĦAL LUQA**

4.1 Is-Sindku semma li minħabba l-mod kif ġew iċ-ċirkostanzi nazzjonali ma tħalliex lok li l-attivitajiet fl-okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa jibqgħu jipproċedu kif kien ippjanat. Huwa qal li tal-idea li l-attivitajiet jitmexxew għall tmiem is-Sajf. Il-Kunsilliera preżenti qablu fuq dan.

**5.0 TENDERS**

5.1 Is-Sindku semma li huwa kien ittermina l-kuntratt tal-lattrina peress li dan kien spiċċalu ż-żmien u kien jeħtieġ li jerġa jinħareġ mill-ġdid anki biex ikun hemm opportunita indaqs lil kulħadd biex ikun jista japplika għall dan it-tender. Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera kollha li dan it-tender kien inħareġ kif ukoll reġgħu inħarġu t-tenders li kienu inħarġu diġà u ma kienx hemm offerti fuqhom jiġifieri dawk tal-bini u finishing tal-lattrina li se tinbena fil-Bandli.

5.2 Is-Sindku semma li fuq it-tender tar-resurfacing u Major patching kien hemm biss offerta waħda li kienet dik ta' Polidano. Huwa qal li awtomatikament tintgħażel din l-offerta. Il-Kunsilliera preżenti qablu.

**6.0 ĠEMELLAĠ**

6.1 Is-Sindku semma li minħabba ċ-ċirkostanzi tal-Elezzjoni Ġenerali dwar il-ġemellaġ kellna inħassru kollox. Huwa qal li kien hemm possibilta li ssir visit of intent imma minħabba impenji personali li kellu s-Segretarju Eżekuttiv dan ma setax jitla.

**7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET**

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-ħlasijiet.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2017 fis-5.50 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-27 ta' Ġunju 2017 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2017.



______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv